8 ta' Jannar, 1955

**Imhallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Lucia Cardona *versus* Lisa Grech

**Ingurjja — Kliem Volgari — Difett Fiżiku.**

*Kliem volgari dirett minn persuna għal oħra ma jammontax għal ingurja, meta hu kliem volgari biss, speċjalment meta l-kliem ikun skambjat bejn persuni ta' levatura umili fejn kliem simili jintuża b'sens ta' sempliċi volgarità u bla ebda sinifikat speċjali. Jista' jkun divers il-każ jekk il-kliem inkriminat ikollu xi riferenza għal xi difett jew mard fiżiku tal-persuna li għaliha dak il-kliem jiġi ndirizzat.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija kontra Lisa Grech quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq kwerela ta' Lucia Cardona, talli f'dawn l-aħħar tliet xhur *il-kwerelata ngurjat lill-kwerelanti f'Ħal* Qormi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Ottubru, 1954, li biha sabet lill-kwerelata ħatja, u kkundannatha għall-piena ta' 10s. ammenda u l-ispejjeż;

Rat ir-rikors tal-kwerelata, li bih appellat lil din il-Qorti, u talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hi tiġi assolta; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat;*

Il-kelma li fuqha hu bażat l-addebitu, u li tinsab riportata fis-sentenza, eżibita in kopja fol. 4 ta' l-inkartament, ma hix ingurjuża, iżda hi biss volgari ("parola incivile"), partikolarment meta wieħed iqies li ż-żewġ kontendenti huma ta' levatura soċjali umili, fejn kliem simili jintuża spiss b'sens ta' sempliċi volgarità u bla ebda sinifikat speċjali. Hekk f'tema ta' "slander", l-awturi Ingliżi jgħidu li "mere vulgar abuse is not sufficient"; u jeżemplifikaw każ ta' *kelma volgari li tkun saret bl-użu* ***"meaningless"*** *(ara* verbal fol. 9);

Seta' kien divers il-każ kieku l-kelma inkriminata kell-

ha xi riferenza għal xi difett jew mard fiżiku tal-kwerelanti; għaliex allura kien ikun hemm dik l-ispeċi ta' inġurja li jitkellem fuqha li Strychio, "De Jure Sensuum", dis. 2, cap. 5, no. 4, ċitat mill-Carrara (Progr. Vol. III, para. 1745), fejn dan jikkunsidra bħala inġurja "l'essersi obiettato un vizio del corpo". Dan il-fattur ma jirrikorrix fil-każ in ispeċje (ara verbal fuq imsemmi);

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, tiddikjara l-kwerelata mhux ħatja ta' inġurja, u tilliberaha. Bl-ispejjeż, stante ċ-ċirkustanzi, bla taxxa; dritt tar-Reġistru għaż-żewġ istanzi għak-kariku tal-kwerelanti appellata. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta ta' l-4 ta' Diċembru, 1954, u 10s. għal dik tal-lum.